MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 395/2010

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tat-13 ta’ Ottubru 2010 illi biha r-rikorrent Jason Coleiro espona is-segwenti:

Illi huwa gie notifikat b’ittra ufficjali skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 57 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex ihallas drittijiet tal-licenzja fuq vettura **LAN 684** dovuti mill-1 ta’ Jannar 2003 sad-data tal-imsemmija ittra ufficjali

Illi r-rikorrenti jikkontendi illi huwa kien ghamel it-trasferiment ta’ l-imsemmija vettura personalment fil-2003. Ghalhekk, huwa oggezzjona ghat-talbiet u pretensjonijiet fil- konfront tieghu peress illi dawna ma jregux fil-fatt u fid-dritt u talab lill dina l-Qorti sabiex tiddikjara illi:-

1. L-ammont pretiz mill-Awtorita ghat-Trasport Malta ai termini ta’ l-ittra ufficjali skond id-disposizzjoniet ta’ l-Artikolu 57 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta pprezentata fis-

sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra ma jregix fil-fatt u fid-dritt u ebda ammont ma huwa dovut.

2. L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta responsabbli ghall-ispejjez kollha ta' l-ittra ufficjali skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 57 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentata fis-16 ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra u tal-procedimenti kollha konnessi ma' l-istess avviz u tikkundanna l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex thallas dawn l-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta pprezentata fid-19 ta' Novembru 2010 fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmulha minnu fir-rikors tieghu;

2. Illi, fil-meritu, jinghad li, mill-file mizmum mill-Awtorita intimata, ma jirrizultax li r-rikorrenti:-

a. Ta lill-istess Awtorita intimata l-avviz rikjest mill-Ligi; u
b. Ipprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment;

Konsegwentement la ma hemm xejn minn dan, ir-rikorrenti ghadu meqjus skond il-ligi bhala sid il-vettura u ghalhekk huwa l-persuna responsabbli ghall-ammont rikjest. L-obbligu ta' dan l-avviz u ta l-ghoti tal-licenzja huwa tar-rikorrenti u ta' hadd izjed.

3. Illi ghalhekk, galadarba ma hemm xejn minn dan kollu, u gja ladarba l-Awtorita intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mill-Ligi, r-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-Ligi.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' intimata talbet bir-rispett lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex, in vista tal-premess u ghall-ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ix-xhieda ta’ **Jason Coleiro**, mismugha minn din il-Qorti diversament ippresejeduta, fit-28 ta’ Jannar 2011, fejn huwa stqarr illi l-karozza meritu tal-kawza odjerna, ossija Ford Escort hamra, Mark 1, bin-numru tar-registrazzjoni LAM 684 kienet proprjeta tieghu u kien bieghha lill-persuna li joqghod l-Imgarr, Malta fis-sena 2003. Huwa stqarr illi, sabiex jaghmel it-transfer, huwa kien ha din il-persuna personalment mieghu l-ADT u, wara illi gie finalizzat it-transfer, rega saq il-karozza tieghu lura lejn l-Imgarr, u dana ghax min kien attwalment xtara il-vettura kienu tlett persuni differenti, li tnejn minnhom ma kellhomx licenzja u t-tielet wiehed, illi kellu licenzja, kien mar l-ADT maghhom bil-karozza tieghu.
Huwa kompla jghid illi meta mar l-Awtorita tat-Trasport, huwa pprezenta c-certifikat tieghu ta’ l-insurance illi kienet maqluba fuq ix-xerrej kif ukoll il-log book iffirmat. Ir-rikorrent, infatti, jghid li x-xerrej l-ewwel mar jaghmel l-insurance sabiex r-rikorrent jiehu lura l-flus minghand l-insurance tieghu peress illi, meta kien biegh il-karozza, dina kienet assikurata, u b’hekk ikun jista jsir it-transfer.

Mistoqsi dwar l-insurance tieghu, r-rikorrenti jistqarr illi huwa ma kellimhiex lill-assikurazjoni tieghu, Elmo Insurance, peress illi huwa jahdem barra minn Malta u jkun Malta ghall-perjodi qosra ta’ ftit gimghat kull ftit xhur.

Mistoqsi dwar meta kellem lill-Awtorita dwar il-problema, huwa stqarr illi kien kellimhom biss meta rcieva t-tahrika ta’ din il-kawza u insista illi, sa dakinhar, huwa ma kien rcieva xejn.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Brian Farrugia**, rapprezentant ta’ l-Awtorita ghat-Trasport ta’ Malta, illi informa ill-Qorti li, minn informazzjoni illi huwa kellu, il-vettura Escort, numru ta’ registrazzjoni LAM 684, kienet proprjeta ta’ Jason Coleiro u kienet giet trasferita lilu fis-6 ta’ Novembru 2002. Huwa kompla jghid li l-liceznja tal-vettura skadiet f’Dicembru 2002 u qatt ma giet imgedda minn dakinhar. Huwa kompla jghid illi skond ir-records illi kellhom, il-vettura, meta giet registrata f’isem r-rikorrent, kienet assikurata mas-socjeta Atlas Insurance.

Dwar it-talba mitluba, x-xhud qal illi l-ammont mitlub kien dak dovut minn Jannar 2003, data meta skadiet il-licenzja, sa’ Awissu 2010, data meta intbghatet l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Settembru 2010.

Fis-7 t’Ottubru 2011, xehed quddiem il-Qorti ukoll **Stephen Cachia**, rapprezentat iehor ta’ l-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta, prodott mill-intimat, illi, apparti li reggha kkonferma l-fatti gia msemmija minn Brian Farrugia, xehed dwar il-procedura adoperata meta vettura tigi trasferita. Huwa stqarr illi meta wiehed ibiegh vettura, it-transfer isir billi jintela l-log book miz-zewg partijiet, ossija l-bejjiegh u x-xerrej quddiem xhud u dana id-dokument jigi pprezentata lill-Awtorita sabiex isir it-trasferiment. Ix-xerrej, flimkien ma dana id-dokument, jipprezenta wkoll l-assikurazzjoni fuq ismu sabiex l-awtorita tkun tista tirregistra l-vettura fuq ismu. Ix-xhieda kkonkluda billi qal illi l-obbligu ta’ dana l-avviz jinkombi fuq il-bejjiegh, jigifieri, f’dan il-kaz, fuq ir-rikorrent.

**Ikkonsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, l-ewwel u qabel kollox, illi r-rikorrent, bhala xhieda, pproduca biss lilu stess, u ma kienx kapaci jindika lill min kien attwalment biegh il-vettura tieghu Escort, MKI, numru ta’ registrazzjoni LAM 684, minkejja li kif stqarr huwa stess, kien biegh il-vettura lil tlett minn nies flimkien. Tali nuqqas jimmilita hafna kontra r-rikorrent.

Ir-rikorrent lanqas ma kien kapaci jipproduci bhala xhud l-asskurazzjoni illi huwa qal li kien ha rifuzjoni minghandhom wara illi sar it-trasferiment lill- persuni ignoti. Huwa qal li l-assikurazzjoni tieghu kienet l-ELMO Insurance, izda ma kienx kapaci jipproducihom sabiex jikkorrobora dak li huwa kien qieghed jallega.

Minn naha l-ohra, l-Awtorita intimata, pproduciet xhieda li wrew illi l-vettura giet registrata fuq isem r-rikorrent fis-6 ta’ Novembru 2002 u l-licenzja taghha skadiet fil-31 ta’

Jannar 2002 u qatt ma reghhet giet rinnovata. Ipproduciet ukoll vera kopja ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Settembru 2010 u notifikata lir-rikorrent fit-22 ta’ Settembru 2010 fejn hija talbet lir-rikorrent ihallasha s-somma ta’ hames mija u wiehed u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€591.10) bhala licenzja arretrati, s-somma ta sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€668) bhala multi amministrattivi u s-somma ta’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€128.10) bhala kontravenzjonjiet mhux imhallsa.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi, skond ix-xhieda ta’ l-Awtorita’ intimata, il-vettura, meta giet registrata f’isem ir-rikorrent maghha fis-6 ta’ Novembru 2002, kienet assikurata ma’ l-Atlas Insurance filwaqt illi r-rikorrent stqarr illi, meta huwa ghamel it-transfer tal-vettura lil terzi ignoti, huwa kien gab rifuzjoni ta’ l-assikurazzjoni minghand l-assikurazzjoni tieghu ELMO Insurance.

Il-Qorti ma tistax hlief ma tissuspettax illi ma kien minnu assolutament xejn li l-vettura kienet assikurata wara illi skadiet il-licenzja fil-31 ta’ Dicembru 2002, u dana peress illi licenzja qatt ma regghet giet rinnovata, u certament ir-rikorrent ma kienx sejjer ihallas l-assikurazzjoni u ma jirrinovax il-licenzja. Ir-rikorrent, kull ma kellu bzonn jaghmel sabiex inehhi tali dubju lill-Qorti, kien illi jipproduci l-assikurazzjoni quddiem il-Qorti, izda ma kienx kapaci jaghmel hekk.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u, aktar precizament, lill-Artikolu 26 ta’ l-istess Ligi, liema artikolu jghid bl-aktar mod car u lampanti, illi sid irid javza lill-Awtorita’ dwar it-trasferiment ta’ vettura u, sakemm tali avviz ma jigix pprezentat, il-vettura tibqa titqies bhala propjeta tas-sid originali.

Illi, ghalhekk kien jinkombi fuq r-rikorrent, li huwa s-sid tal-vettura Escort MKI numru LAM 684, illi jaghmel dak minnu rikjest mill-Ligi – nuqqas ta’ dan jwassal sabiex huwa jbaghti l-konsegwenzi.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' intimata u tordna illi l-Ittra Ufficjali Numru 3598/10 tigi reza ezekuttiva ai termini ta' l-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.

L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija, jigifieri mit-22 ta' Settembru 2010 (vide fol 19)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------